MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 364/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Jon Formosa u**

**Martin Farrugia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra

Jon Formosa ta' 28 sena iben il-mejjet John u Barbara nee Colveson mwieled Londra fis-6 ta' Marzu 1978 u joqgħod 32 Triq il-Porto Salvo l-Isla u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 546993(M)

U

Martin Farrugia ta’ 43 sena mwieled fid-19 ta’ Mejju 1963 iben Joseph u Mary nee Sapigano residenti 40 Triq San MIkiel Bormla detentur tal-karta tal-identita’ 209263 (M)

Akkużati talli f’dawn il-Gżejjer fis-27 ta’ Settembru 2006:

a) Kellhom fil-pussess tagħhom d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kinux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kinux b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pusess tagħhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontoll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li ma kinitix għall-użu esklussiv taghhom.**

Il-Qorti ntalbet ukoll biex f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta’ Settembru 2006(fol 15 u 16) kif ukoll il-fedina penali tagħhom (fol 9 u 10), l-isqarrijiet magħmula minnhom (fol 7 u 8), il-ħatra (fol.26) u r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 81), u l-current incident report a fol 36,

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**L-Istqarrija ta' Martin Farrugia**

5. Skond l-istqarrija mogħtija minn Martin Farrugia l-ko-imputat kien mar għandu biex jieħu 'daqqa'. Huwa stqarr li ma kellux eroina għax lanqas biss kellu flus ħa jieħu tazza te. Qal ukoll li l-eroina li rema l-ko-imputat ma kenitx tiegħu (jiġifieri ma kenitx ta' Martin Farrugia). Huwa ammetta li kien ħa l-eroina qabel ma daħlu l-Pulizija. L-eroina kien xtraha Lm5 minn għand persuna li ma xtaqx jikxef isimha.

**L-Istqarrija ta' Jon Formosa**

6. Jon Formosa stqarr li hu kien jieħu l-eroina – l-inqas li kien jieħu kienet gramma kull jum. Meta daħlu l-Pulizija huwa kien qed jinjetta l-eroina f'saqajh. Malli rahom ippanikja u rema l-borża. L-eroina kien xtraha Lm55. Huwa kien xtara tliet grammi u ħa minnha. Huwa nnega li hu u l-ko-imputat kienu qed jittraffikaw l-eroina.

7. L-Ispettur Norbert Ciappara spjega li kienet saret tfittxija numru 40 Triq San Mikiel Bormla li kienet id-dar tal-imputat Martin Farrugia. Jon Formosa kien instab bid-droga f'din id-dar.

8. Aktar tard, fid-depot kienet instabet siringa b'likwidu ġo fiha suspettat droga eroina fuq il-persuna ta' Martin Farrugia. Dan kien ittieħed id-detox. Dan ikkonfermah ukoll PS 1044 Gordon Calleja (fol 46) li żied jgħid li s-siringa kienet moħbija fix-shorts u malli pprova jinża x-shorts, waqgħetlu. (Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 246 Vincent Decesare).

9. PS 1177 Carmelo Bonello xehed dwar kif kienet saret it-tfittxija. Kineu raw lil Jon Formosa jittaqqab f'saqajh u

dan telaq jiġri lejn it-toilet fejn instabet il-borża kannella fl-art.

10. PC 540 Anthony Fava kkonferma dak li xehed PS 1177 Carmelo Bonello. (Fol 42 et).

11. Xehed l-Ispiżjar Mario mifsud li qal li fis-siringa kien instab 0.25 ml ta' eroina waqt li fil-borża ta' Jon Formosa kien hemm 2.44 grammi ta' eroina.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

12. Fil-fehma tal-Qorti l-pussess sempliċi tal-eroina jirriżulta fil-konfront taż-żewġ imputata. Martin Farrugia kellu siringa bil-likwidu fuqu stess waqat li Jon Formosa kkonferma li l-borża li nstabet kienet tiegħu.

13. Dwar il-pussess aggravat il-Qorti ma jidhrilhiex li dan it-tip ta' pussess kien ippruvat fil-konfront ta' Martin Farrugia. Tassew li l-ko-imputat instab fid-dar ta' Martin Farrugia. Tassew ukoll li l-ko-imputat instab qed jinjketta ruħu bl-eroina. Madanakollu ma hemm l-ebda prova fil-proċess jew li Martin Farrugia kellu xi ammont ta' droga fid-dar tiegħu u lanqas li kien hu li ta l-eroina lil Jon Formosa. Tassew li hemm suspett li seta' sar hekk għax, wara kollox, x'mar jagħmel Jon Formosa jittaqqab għand l-imputat Martin Farrugia? Ma setax ittaqqab id-dar? Biss dan is-suspett qawwi mhux biżżejjed biex iwassal għat-tip ta' prova li jitlob proċess kriminali.

14. Għaldaqastant il-Qorti qed issib lill-imputat Martin Farrugia ħati ta' pussess sempliċi biss, reat li huwa kompriż u involut f'din l-imputazzjoni.

15. Min-naħa l-oħra Jon Formosa ex-admissis qal li kien xtara b'Lm55 eroina. Huwa kellu tleit grammi u forensikament kien ippruvat li kellu 2.44 grammi ta' eroina b'livell ta' purita' għolja. Stante li l-imputat kien jieħu gramma kull jum, jibqa' d-dubju jekk l-imputat kellux intenzjoni li jispaċċja. Għalhekk il-Qorfti jidhrilha ma sarux provi biżżejjed li juru li l-imputat kellu l-intenzjoni li

jispaċċja iżda li dan huwa pussess sempliċi serju ħafna – reat kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Jon Formosa.

**Konklużjoni.**

**16. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 qed issib liż-żewġ imputati ħatjin, flok tal-imputazzjoni kif dedotta, tar-reat ta' pussess sempliċi li huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom u qed tikkudnnahom kif ġej:**

**(i) (a) Fil-każ ta' Jon Formosa, wara li rat il-fedina penali tiegħu li mhix waħda nadifa, qed tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €850, liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**(b) Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 huwa għandu jħallas €253.87 jew żewġ terzi tal-ispejjeż peritali.**

**(ii) Fil-każ ta' Martin Farrugia, wara li qieset il-fedina penali nadifa tiegħu, qieset ukoll li dan kien qed jieħu d-droga u ttollera lil ħadd ieħor jieħu d-droga ġo daru. Għalhekk qed tikkundannah iħallas multa ta' €585 liema multa tista' tiħallas b'rati ta' 80 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**(b) Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 huwa għandu jħallas terz tal-ispejjeż peritali li jammonataw għal €126.93.**

**Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------